**DISKORS MILL-E.T. MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA, PRESIDENT TA' MALTA, FL-GĦELUQ IL-*PUBLIC LECTURE* DWAR RIĊERKA LI SARET F'MALTA FUQ IL-KANĊER TAS-SIDER MTELLA' MILL-UNIVERSITY OF MALTA RESEARCH INNOVATION AND DEVELOPMENT TRUST**

**IT-TNEJN 25 TA' MEJJU 2015**

**Sinjuri, nsellmillkom.**

**Huwa pjaċir tiegħi li narakom hawn illejla biex tisimgħu dwar riċerka li saret f'pajjiżna għall-ġid, mhux biss tal-Maltin u l-Għawdxin kolla, iżda għal kullħadd.**

**Il-presenża tagħkom turi support lejn ir-riċerkaturi Maltin, kif ukoll interess fis-suġġett tar-riċerka innifsu, iġifier fil-kanċer tas-sider, li qed jolqot tant u tant nisa, u xi rġiel Maltin u Għawdxin, u l-familji tagħhom.**

**Il-futur tas-saħħa tan-nies huwa msejjes fuq l-innovazzjoni, li għandha l-bażi tagħha fir-riċerka. B'sodisfazzjon ninnota li llum il-ġurnata, qed naraw dejjem aktar riċerka ssir hawn Malta minn studjużi Maltin.**

**Dan fih innifsu jfisser li r-riċerka qed ssir f'ambjent Malti, inklus ambjent soċjali u kulturali Malti, u u realtajiet li jeżiżtu ġewwa pajjiżna, u għalkekk, ir-riżultati li joħorġu minnu jkunu relatati maċ-ċirkostanżi u fil-kuntest lokali, u li jista' jservi ukoll għal ħaddieħor.**

**Jien nixtieq nara aktar riċerka ssir f'pajjiżna, f'kull qasam, speċjalment dawk relatati mas-saħħa in ġenerali, u speċifikament il-kanċer.**

**Ir-rata tal-kanċer f'pajjiżna qed dejjem tiżdied. Biss biss, skond il-European Agency of Research on Cancer, fl-2012, in-numru ta' nisa li kellom kanċer tas-sider f'Malta kien 314.**

**Bi pjaċir ninnota li n-numru ta' mwiet mill-istess marda qiegħed dejjem jonqos. L-esperti fis-saħħa pubblika jgħidulna li dan huwa, in parti, rizultat ta' aktar informażżjoni f'idejn in-nies ta' x'inhu l-aħjar għal saħħitna.**

Hawn insellem ukoll lill Għaqdiet mhux governattivi, u cancer survivors, li jaħdmu fil-qasam tal-Kanċer.

Sa dalgħodu stess, iltqajt ma grupp ta' nisa kuraġġużi mill-Europa Donna, li huma stess qed jgħinu biex jappoġġjaw lil ħaddieħor, u jagħtuhom dak il-kuraġġ li jħarsu l-quddiem b'tama ġdida.

Iżda, dan il-fatt jirriżuta wkoll minn riċerka estensiva li saret, u qed tkompli ssir, madwar id-dinja biex jinstabu l-aħjar kura għal marda qerrieda tal-kanċer.

Qed nibdew naraw ġejjieni ħafna isbaħ milli qatt kellna, f'dik li hi riċerka li twassal għal aktar fejqan, jew li twassal li nsalvaw il-ħajja tan-nies.

Diġà qed isir ħafna, iżda jeħtieġ li jsir ħafna aktar. Il-wegħda ta' aktar fejqan tista' tabilħaqq tiġi realizzata jekk ir-riċerka u kultura ta' riċerka, jsiru l-pedament ta' ekonomija sostenibbli.

**Kampjament ġdid li qed iseħħ propju issa, huwa li l-Malta Community Chest Fund qed tissapportja lil University of Malta Research Innovation and Development Trust fi roġett ta'riċerka.**

**Din il-mira ambizzjuża twassalna sabiex nibnu kapaċitajiet tar-riċerkaturi u studjuzi tagħna, biex ikunu jistgħu jiżviluppaw aktar soluzzjonijiet permezz ta' riċerka.**

**Huwa meħtieġ ukoll li niżviluppaw kapaċitajiet tal-poplu biex jisprimu l-ħsibijiet u l-bżonnijiet tagħhom.**

**Madankollu, it-tfassil ta' kultura ta' riċerka titlob attenzjoni u impenn. Fil-fehma tiegħi, il-University of Malta Research Innovation and Development Trust, għandha dan ir-rwol, u qed twettqu bl-aħjar mod possibli.**

**Jien napprezza li r-Research Innovation and Development Trust għandha l-għan li tittrasforma s-soċjetà Malta f'ekonomija bbażata fuq għarfien billi**

jattiraw fondi, jfasslu opportunitajiet ta’ riċerka, tistieden ir-riċerkaturi ta' kwalità, u tibni sħubiji. Nagura li r-Research Innovation and Development Trust, ta’ l-Università t’ Malta, tkompli twettaq dan il-għan.

Jien kelli l-opportunità li nara b’għajneja kif l-riċerkaturi u x-xjentisti ta’ l-Università ta' Malta qed ifasslu u jsawru l-futur tagħna.

Jiena nħossni verament kburija b’dawn l-irġiel u n-nisa, li huma fuq quddiem nett tal-oqsma rispettivi tagħhom, li qed iwettqu xogħol pijunier li sa ftit snin ilu, lanqas konna noħolmu bih f’pajjiżna.

Napprezza l-impenn sħiħ tagħkom fit-tfiċċija ta’ aktar solużżjonijiet ġodda għall-isfidi li għandna illum, u b’hekk tagħtu tama lis-soċjetà biex tkun tista’ tgħix aħjar.

Iżda l-soċjetà jeħtieġ li turi l-apprezzament tagħha wkoll sabiex tagħmel kuraġġ biex ir-riċerkaturi jkomplu bil-ħidma tagħhom.

Kull wieħed minna jista' jikkontribwixxi billi nappoġġjaw ir-riċerka b'kull mod li nistgħu.

Huwa unur u privileġġ għalija li nagħti l-appoġġ sħiħ tiegħi lir-Research Innovation and Development Trust, li hija impenjata li tgħin fil-kisba tal-aspirazzjonijiet u l-valuri li naqsmu ma' din it-Trust, għal tkabbir ekonomiku sostenibbli bħala mezz għall-iżvilupp soċjali.

Nittama li l-isforzi tar-Research Innovation and Development Trust jibqgħu jaħdmu għal wirt sostenibbli għal-Maltin u l-Għawdxin kollha.

Nawguralkom aktar u aktar suċċess lilkom, u lil kull minn jappoġġjakom, u minn qalbi nirringrażżjakom ta' kull ma qedgħin tagħmlu għal ġid tal-Maltin u l-Għawdxin kollha.

**Nixtieqilkom saħħa u ġid.**